# O Zmien Helu...

# ...Il-Kostumi Antiki

taghrif u ritratti minn Raymond C. Xerri, BA(USA), ECSch(FRG), DDS

*Il-moda tal-ħwejjeġ ta' dari kienet ferm differenti mit-tlellix u r-rikkezzi tal-lum. Kien hemm ħafna limitazzjonijiet, fosthom materjal, nuqqas ta' flus u n-nies kienet għadha fl-istat li tgħix minn ġurnata għall-oħra. Il-kostumi antiki tal-bliet u rħula Maltin u Għawdxin spiċċaw minn magħna għal dejjem. Biex ktibt din l-informazzjoni ċkejkna kelli navviċina numru ta' anzjani ta' eta' avvanzata ħafna, dawn iġorru ritratti fil-memorji ta' kif missirijietna kienu jilbsu f'diversi okkażjonijiet.*

**Ir-Raġel.** Dan ġeneralment kien jaħdem fil-għalqa, fuq il-baħar jew fis-sengħa tal-bini. Xi 60-70 sena ilu kienu jilbsu ħwejjeġ magħmula minn xkejjer jew biċċiet taċ-ċraret. Meta jmorru l-quddies jew sar-Rabat kienu jilbsu sidrija u qalziet tas-sarġ kulur iswed jew blu skur - ġeneralment kienet tkun 'libsa ntiera' (qalziet, sidrija u ġlekk pariġġ), b'terħa flok ċinturina u b'xi maktur ma' għonqhom. Qabel ma' ġew iż-żraben, kienu jimxu ħafjin jew kienu jilbsu qorq tal-ħbula fejn il-qiegħ kien magħmul mill-ġilda tal-majjal niexfa. L-ewwel papoċċi li daħlu kienu jiswew 18 irbii jew 27 cent tal-lum, u ftit ħafna kienu jifilħu jixtruh. Ċertu wieħed Kelinu Debono (ta' Liberatu) kien iħit il-ħwejjeġ tal-irġiel fil-Qala sa ftit snin ilu. Nota żgħira fuq l-irġiel Għawdxin l-iktar 'il bogħod minna - tal-Għarb. L-irġiel ta' dawk l-inħawi kienu jilbsu ċabuża magħmula min-newl fuq rashom fl-eqqel tax-xitwa. Din kienet tinġab mill-Afrika ta' Fuq u d-drawwa nqatgħet xi 60 sena ilu.

**Nisa.** Il-mara kienet ġeneralment mara tad-dar fejn kienu jilbsu ħwejjeġ sempliċi ħafna, magħmula miċ-ċraret u jimxu ħafjin. Pero' meta joħorġu mid-dar, il-kostum jinbidel totalment. Meta tmur il-Knisja jew sar-Rabat, il-mara Qalija bħan-nisa f'postijiet oħra kienet tilbes libsa twila sa saqajha dejjem kulur iswed tas-sal (tas-suf) fix-xitwa u dublett ċulqana (ċurquna bil-Qali)fis-sajf. Fuq rasha kienet tilbes l-għonnella u xi fardal marbut ma' qaddha. Kien ikollha but taħt il-libsa fuq in-naħa tax-xellug biex iġġorr kuruna u xi ftit flus. Kull meta toħroġ jew għall-Knisja jew għar-Rabat kienet tkebbeb ċulqana u tpoġġiha taħt idha biex meta tkun fil-pjazza tkebbebb xi tlett ħabbiet qara', jew xi nofs kwart kunserva jew bezzun ħobż. L-ilbies kien dejjem iswed, sajf u xitwa. Meta kienet taħdem fil-għalqa kienet tilbes ilbies tax-xkejjer u maktur jew kappell fuq rasha, ġeneralment kienet tkun ħafja.

Fis-sajf meta kienet tmur sal-baħar biex tgħum kienet tilbes libsa twila rqiqa li kienet magħrufa bħala bluża. Kienet tibqa' biha anke fil-baħar. In-nisa tal-Qala kellhom ħafna għand min imorru biex iħitu l-ħwejjeġ tagħhom; fosthom insibu lil Mananni (taċ-Ċaqna), Marija (tal-Ġieges jew tal-Ġimis), Mariros (tal-Kirċ)li għada magħna u li kienet tħit ħwejjeġ għall-Knisja u Angla Mifsud (tal-Ganġi jew tal-Għażli) fost oħrajn.



*Il-Bużnannu tiegħi fl-ilbies tipiku liebes libsa ntiera (qalziet u sidrija suwed pariġġ u qmis bajda)*



*Il-Bużnanniet tiegħi fl-ilbies tipiku tad-dar. Innottaw it-terħa flok iċ-ċintorin.*



*Grupp ta' tfal Qalin (ftit minnhom għadhom ħajjin) bil-libsa ta' l-Ewwel Tqarbina. L-ilbies għalkemm sempliċi kien speċjali għal dak iż-żmien.*



*Tfal bl-uniformi tax-Xitwa ta' l-Iskola waqt il-ħin tal-logħob flimkien ma l-għalliema tagħhom*

**It-Tfal.** It-tfulija ta' dari f'dak li għandu x'jaqsam ma' ħwejjeġ kienet kważi non-eżistenti. Għalhekk kienu jlibbsuhom ilbies ta' l-adulti bħalma naraw fir-ritratt meħud f'Jannar tal-1916 fl-iskola tal-Qala. Bdil fil-kostum kien isir biss f'xi okkażjoni speċjali bħal l-ewwel Tqarbina jew il-Ġrizma tal-Isqof kif nistgħu naraw fil-ritratt ta' grupp ta' tfal li għadhom kemm għamlu l-Ġrizma. X'moda dik...qalziet qasir u tidher kbir ta' ħames snin! X'sempliċita'! X'innoċenza! O Żmien ħelu ... fejn int?